MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-4 ta' Diċembru, 2003

Rikors Numru. 498/1997/1

Anthony Galea
vs
Il-Ministru tat-Turizmu u Chairman Air Malta Company Limited u Air Supplies and Catering Company Limited li giet kjamata fir-rikors b'digriet tad-9 ta' Marzu 1999

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz ghall-habta tal-1987/1988 ir-rikorrent sofra pregudizzju u ingustizzja konsistenti fil-fatt illi gie ingustament u ghall-ebda raguni valida fil-ligi dikjarat bhala haddiem irregolari.

Illi l-fatti tal-kaz, fis-semplicita` taghhom kienu s-segwenti:

Illi fis-sena 1987 ir-rikorrent kien impjegat tal-Air Malta u precizament mal-Kumpanija Sussidjarja tal-Air Malta l-Air Supplies fil-grad ta' Loader.

Illi l-ghada tal-elezzjoni tal-1987 ir-rikorrent kien gie nfurmat illi minhabba t-tahwid tal-elezzjoni ma kellux ghalfejn joqghod fuq il-post tax-xoghol u ghalhekk kien ahjar li jmur id-dar kif effettivament ghamel.

Illi l-ghada meta rega' rraporta ghax-xoghol kien gie ordnat mis-superjuri tieghu jmur jirraporta ghax-xoghol il-Country Hotel.

Illi fil-Country Hotel ir-rikorrent ghamel cirka sitt xhur ma jaghmel xejn f'liema perjodu huwa ipprotesta, flimkien ma' xi erbghin ohra li kienu ghaddejjin mill-istess trawma, ghall-liema protesti huwa ma ha l-ebda risposta ghajr ghal sensiela ohra ta' trasferimenti fid-diversi lukandi proprjeta` ta' jew amministrati mill-Air Malta jaghmel ix-xoghol ta' labourer.

Illi wara dan il-perjodu r-rikorrent kien gie trasferit ghal mal-AWTS bil-kundizzjoni illi jibqa' impjegat tad-DCA.

Illi appena sar dan l-ispustament gew impjegati cirka erbghin ruh ohra sabiex jaghmlu x-xoghol li kien jaghmel hu u dawk l-ohra li gew trasfriti mieghu (cirka 40 kollox).

Illi sussegwentement, fuq intervent tal-Ministru tal-Edukazzjoni ta' dak iz-zmien u bi ftehim mar-rappresentant tal-General Workers Union, ir-rikorrent gie trasferit ghal mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni bil-kundizzjoni illi appena jkun hemm vakanza mal-Air Supplies jinghata l-ingagg u dan kif jigi ppruvat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tar-rikors.

Illi dan il-ftehim gie miksur diversi drabi u dan peress illi tul dan iz-zmien kollu hemm grupp ta' ghaxar persuni li baqghu dejjem jissejhu sabiex jaghmlu dan ix-xoghol meta jkun hemm bzonn b'eskluzjoni tar-rikorrenti.

Illi sussegwentement ir-rikorrent gie trasferit ghal mad-Dipartiment tal-Kuntratti fejn ghadu sal-lum.

Illi in oltre dan l-agir ikkaguna dannu u pregudizzju lir-rikorrent u dan peress illi minhabba din l-ingustizzja huwa tilef, minbarra erba' snin seniority u l-increments relattivi, kull opportunita` li japplika jew jinghata promozzjoni barra milli tilef is-shift allowance u ghadd ta' beneficcji ohra.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent, filwaqt li ghamel referenza ghall-fuq espost u rriserva illi jressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni, talab lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jinghata rimedju billi jigi moghti lura l-impjieg li huwa kellu u li ingustament gie michud minnu mal-Air Supplies flimkien mal-beneficcji kollha li seta' tilef b'lura u kumpens ta' hamest elef lira Maltija (Lm5000) sabiex jaghmlu tajjeb ghat-telf li sofra minhabba l-agir diskriminatorju fil-konfront tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Ministru tat-Turizmu li eccepixxa:

Illi huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap 12.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tac-Chairman Air Malta Company Limited li eccepixxa:

Illi preliminarjament il-Ministru tat-Turizmu gie mharrek inutilment skond l-artikolu 181B tal-Kap12 u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi r-rikorrent qatt ma kien impjegat ma’ l-intimat Chairman, Air Malta Company Limited u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tieghu ghandhom jigu michuda.

Illi inoltre u bla pregudizzju ghall-premess ir-rikorrent kien impjegat irroglarment mal-Air Supplies Company Limited, kumpanija separata u distinta minn dik ta’ l-intimat.

Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda stante li l-agir tal-Air Supplies Company Limited li r-rikorrent jigi trasferit mal-Ministeru tal-Edukazzjoni kien fuq struzzjonijiet tal-Management and Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim Ministru skond ittra tat-30 ta’ Novembru 1992 (Dok A).

Illi l-Management and Personnel Office kienu qed jagixxu skond ftehim li kien sar bejn il-Gvern u l-General Workers’ Union li taghha r-rikorrent kien membru.

Illi r-rikorrent ai fini tal-Air Supplies Company Limited qatt ma kien kunsidrat bhala impjegat regolari tal-kumpanija.

Illi r-rikorrent ai fini tal-Air Supplies Company Limited xorta ghadu mhux kunsidrat bhala impjegat regolari tal-kumpanija.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra r-risposta tas-socjeta` Air Supplies and Catering Company Limited li eccepiet:

Illi fis-16 ta’ Marzu, 1999, is-socjeta` intimata giet notifikata bir-Rikors numru 498/97 fl-ismijiet fuq premessi wara li giet imsejha fil-kawza bhala terza persuna ai termini ta’ l-artikolu 961 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Illi s-socjeta` intimata ai termini ta’ l-artikolu 962 ta’ l-istess Kodici citat, qed tinqeda b’kull beneficcju illi l-Ligi taghti lill-intimati l-ohra fil-kawza odjerna, inkluz il-beneficcju li tipprezenta l-prezenti risposta.

Illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda minn dan l-Onorabbli Tribunal fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Illi preliminarjament ir-rikors odjern fl-ismijiet fuq premessi kif mizjuda b'digriet tad-9 ta' Marzu, 1999 u wara li s-socjeta` intimata giet imsejha fil-kawza bis-sahha ta' l-istess digriet, ma jistax jigi accettat taht l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji (Att Nru. VIII ta' l-1997) stante li dan l-istess rikors sar wara li ghaddew sitt xhur mid-data tal-bidu fis-sehh ta' l-Att imsemmi u dan ai termini ta' l-artikolu 9 ta' l-istess Att.

Illi minghajr hsara ghall-ahhar premessa ta' qabel din, is-socjeta` intimata filwaqt li ghamlet referenza ghall-eccezzjonijiet moghtija mic-Chairman Air Malta Company Limited ghamlet taghha dawn l-istess eccezzjonijiet, safejn dawn huma applikabbli ghaliha, b'riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-lista tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Gie prezentat affidavit tar-rikorrent fejn fih intqal li fl-1987 dahal fl-ingagg tal-Air Malta u gie dirett jirrapporta fis-Selmun Palace Hotel. Wara xi zmien kienet saret sehja sabiex jimtlew xi postijiet mal-kumpanija sussidjarja ta' l-Air Malta, l-Air Supplies u hu kien applika fejn baghtu ghalih u qaghad ghall-interview. Semma li cirka Marzu u April 1987 kien gie maghzul u ghalhekk gie trasferit ghal mal-Air Supplies. Qal li minn naha tal-Management ta' Selmun Palace Hotel kienu qalulu li jmur ma' l-Air Supplies meta jinstab replacement ghalih liema replacement dam ma nstab u dam cirka xahar sakemm

hareg ir-release tieghu. Semma li meta mar l-Air Supplies flok mal-loaders kien gie dirett jirrapporta ghax-xoghol fil-Country Hotel. Semma li hemmhekk dam cirka sitt xhur ma jaghmel xejn.

Qal li hu flimkien ma' haddiema ohra ipprotestaw izda ma hadu l-ebda risposta ghajr ghal sensiela ohra ta' trasferimenti fid-diversi Lukandi propjeta` ta' jew amministrati mill-Air Malta jaghmel xoghol ta' labourer. Kompla jghid li wara gie trasferit ghal ma' l-AWTS bil-kundizzjoni illi jibqa' impjegat tad-DCA. Sostna li appena sar dak l-ispustament kienu gew impjegati cirka erbghin ruh ohra sabiex jaghmlu x-xoghol li kien jew kellu jaghmel ir-rikorrent. Sussegwentement, fuq l-intervent tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni u bi ftehim mar-rappresentant tal-GWU kien gie trasferit ghal mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni bil-kundizzjoni illi appena jkun hemm vakanza ma' l-Air supplies jinghata l-ingagg.

Ghalkemm matul iz-zmien gew ingaggati diversi persuni bhala loaders, ghalih qatt ma baghatu. Qal ukoll li dak il-ftehim gie miksur diversi drabi peress illi tul dan iz-zmien kollu kien hemm grupp ta' ghaxar persuni li baqghu dejjem jissejhu sabiex jaghmlu dak ix-xoghol meta jkun hemm bzonn b'eskluzjoni tieghu. Sussegwentement kien gie trasferit ghal mad-Dipartiment tal-Public Works fejn ghadu hemm sal-lum. Qal li dak l-agir ikkagunalu dannu u pregudizzju minhabba li minbarra li tilef erba' snin seniority u increments relattivi, tilef kull opportunita` li japplika jew jinghata promozzjoni u tilef shift allowance u ghadd ta' beneficcji ohra.

Xehed <u>Emanuel Spiteri</u> li semma li jumejn qabel l-elezzjoni ta' l-1987 wara li kien jirregistra kienet baghtet ghalih l-Air Supplies u kienu impjegawh maghhom. Qal ukoll li kienu anke baghtuh jahdem il-Country Hotel bhala loader/labourer u xi hadd kien qallu li barra li jaghmel xoghol l-Air Supplies jista' jaghtuh ordni biex jahdem ma' l-Air Malta. Fi zmien minnhom kien gie dikjarat bhala haddiem irregolari u kien hemm xi diskussjonijiet bejn il-GWU u l-Gvern fuq dawn il-haddiema pero` hu fuq il-kaz tieghu ma kien jaf xejn.

Semma li diversi drabi kien gie mcaqlaq fis-sens li l-ewwel kien ma' l-Air Supplies, wara ma' l-Air Malta, wara spicca mal-Awziljari u wara spicca l-Education. Semma li diversi drabi kienu mweghdin illi jsiru tal-post mill-kbarat taghhom u qal li Tony Zarb kien qallu li malli jkun hemm vakanza ma' l-Air Supplies jinghata l-ingagg. Semma li hu spicca bhala haddiem regolari mal-Gvern mill-1992 u llum il-gurnata jahem mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Esebixxa kopja ta' ittra mibghuta mis-Sur Tony Zarb bhala Deputat Segretarju Generali lis-Sur Grech bhala Chairman tal-Air Malta fejn talab li kemm-il darba l-kumpanija Air Malta tkun sejra timpjega numru ta' haddiema industrijali ghall-perjodu tas-sajf peress li l-union kellha ghal diversi snin l-arrangament li numru minn dawn il-haddiema ghandhom ikunu minn dawk il-haddiema ghal sena wara l-ohra u b' hekk jiehdu leave specjali mid-Dipartiment tal-Gvern li jahdmu mieghu. Hu ilmenta li kien hemm anke bazi politika dwar dan.

Xehed Anthony Spagnol li semma li l-kuntratt taghhom kien ma' l-Air Supplies izda huma kienu jaghmlu xoghol fil-lukandi tal-Air Malta u hu kkonferma li kien jaf bil-kundizzjoni li jista' jiccaqlaq minn post ghall-iehor. Gie esebit kopja tal-Agreement of Service ta' Spagnol li minnu jirrizulta li l-employer kien "Air Supplies and Catering Company Limited". Fl-1991 kien ircieva li sar haddiem regolari u kienu ttrasferewh ghall-Education Department fejn ghadu hemm sal-lum. Semma li ghamel zmien mal-Awziljari. Qal li ghalkemm il-GWU kienet qaltilhom li jekk ikun hemm vacanies mal-kumpanija kienu sejrin idahhlu lilhom, l-Air Supplies kienu dahhlu 24 tfajla biex jippakkjaw u jirrangaw xi kaxxi. Semma li dawk l-24 tfajla kienu dahlu maghhom u ma dehrlux li qatt tkeccew. Semma li ghalkemm kienu jahdmu ma' l-Awziljari l-paga xorta wahda kienet tohrog mill-Air Supplies. Sostna li xi erbghin ruh kienu dahlu wkoll mal-Air Malta mhux mal-Air Supplies.

Xehed Maurice Caruana li semma li hu kien wiehed minn dawk il-haddiema li kienu dahlu ma' l-Air Supplies fis-7 ta' Mejju 1987 bhala loader/labourer. Qal li mill-bidu kienu

qalulhom li jekk l-Air Malta jkollha bzonnhom tkun tista' tehodhom. Semma li ftit wara kien sar ftehim bejn il-GWU u l-Gvern u huma kienu gew dikjarati bhala haddiema irregolari. Qal li hu ghamel xi sena jahdem mal-Country Hotel u fil-5 ta' Mejju 1988 rega' spicca jahdem ma' l-Air Supplies u fl-24 ta' Ottubru tas-sena ta' wara kien baghat ghalih is-Sur Mamo u nfurmah li kien spicca minn ma' l-Air Supplies u eventwalment spicca ma' l-Awziljari. Zied jghid li wara spicca ma' l-Education u in segwitu mad-Dipartiment tal-Kuntratti. Semma li sar haddiem regolari fl-1995 u llum il-gurnata ghadu jahdem fid-Dipartiment tal-Kuntratti.

Xehed <u>Thomas Said</u> li semma li kien dahal fl-1987 bhala loader/labourer ma' l-Air Supplies pero` kien gie mqabbad jaghmel xoghol ma' l-Air Malta bhal iwahhal u jaqla' l-bibien u waiter fil-lukandi ta' l-Air Malta. Semma li xi xahar wara li dahal jahdem, Lawrence Mizzi li kien jahdem ma' l-Air Malta kien baghat ghalih biex jara jekk hux dispost li jahdem bix-xift u hu kien accetta. Qal li certu zmien wara kien sar ftehim bejn il-GWU u l-Gvern u spiccaw dikjarati bhala haddiema irregolari.

Xehed <u>Tony Zarb</u> Segretarju Generali tal-General Workers' Union li semma li dawn il-haddiema kienu gew impjegati mal-Air Supplies li hija kumpanija sussidjarja tal-Air Malta li mill-ewwel gurnata tax-xoghol, il-maggoranza l-kbira taghhom kienu ntbaghatu jaghmlu xoghol ma' l-Air Malta u damu ghal bosta xhur jekk mhux snin ghaddejjin hekk. Dwar il-kwistjoni tal-haddiema irregolari qal li dak iz-zmien il-Gvern bhala shareholder ewlieni beda jghid li dawk kienu irregolari u kellhom jispiccaw mill-impjieg. Wara li saru diskussjonijiet bejn il-Gvern u l-union kien intlahaq ftehim li dawn il-haddiema hekk imsejha irregolari kellhom jintbaghatu jahdmu mal-Gvern bil-proviso li meta l-kumpanija tigi bzonn il-haddiema l-ewwel prijorita` tinghata lil dawn il-haddiema. Semma li ma tantx kien hemm options ghax jew jilhqu l-ftehim bil-mod kif intlahaq jew inkella kien hemm it-theddida li dawn il-haddiema jispiccaw mill-impjieg.

Semma li wara dak il-ftehim kien hemm uhud minnhom li kienu nisa li l-Air Supplies hadithom jahdmu maghha u kien hemm numru sostanzjali minnhom li baqghu jaghmlu xoghol mal-Air Malta ghal sena wara sena u mbaghad flok baqghu hemm fuq bazi permanenti kienu ntbaghatu mal-Gvern pero` l-Air Malta kienet tghajjat uhud minnhom ghall-perjodu tas-sajf. Qal li parti mill-ftehim kien car li jghid li meta l-kumpanija jkollha bzonn in-nies tghajjat lilhom bhala l-ewwel prijorita` u in fatti ghajtitilhom kemm-il darba. Semma li ghal xhur u snin numru sostanzjali minn dawk in-nies, il-maggoranza assoluta minnhom hadmu xoghol direttament ghall-Air Malta. Semma li dwar il-haddiema irregolari ma kien hemm ebda kundizzjoni li jekk ikun hemm vacancies bilfors il-kumpanija trid tiehu minn dawk il-haddiema stess. Qal li din ma gietx inkluza fil-ftehim finali pero` diskussjonijiet fuqha kien hemm u possibilment anke xi korrispondenza.

Qal li r-rikorrenti kienu gew ingaggati mal-Air Supplies izda kien hemm ukoll proviso li huma jkollhom l-obbligu jekk mitluba biex jahdmu ma' l-Air Malta u tant kien hekk li xi whud minnhom intbaghatu mal-Air Malta u kien hemm uhud li ntbaghatu anke f'kumpaniji sussidjarji ohra bhal Hal-Ferh jew il-Holiday Inn. Semma li hu kellu l-impressjoni li kien sar kuntratt bil-miktub u r-rikorrenti kienu ffirmawh pero` ma kienx cert jekk hux mal-Air Malta jew mal-Air Supplies. Qal li meta kien hemm xi ilment ir-rapprezentazzjonijiet bhala union dejjem ghamluha mal-Air Malta.

Semma li l-GWU issalvagwardjat l-impjieg ta' dawk il-haddiema u dan minhabba li l-Gvern ried lil dawn jiddikjarahom redundant. Qal li l-iskop li dawn il-haddiema jibdew jissejhu casuals kien minhabba li dawn kellhom jaghmlu zmien ma jahdmux direttament ma' dik il-kumpanija li impjegathom. Zied jghid li bhala union hassew li kellhom jaccettaw li jkun hemm iz-zmien sakemm dawn il-kumpaniji jghajtu lil dawk il-haddiema maghhom biex ikomplu jahdmu mbaghad allura jigu fuq bazi regolari skond il-bzonnijiet ta' dawk l-azjendi partikolari. Semma li dak iz-zmien kien qam argument u l-Gvern beda jghid li dawk gew impjegati irregolari ghall-fatt

li skond il-ligi l-korpi parastatali u dipartimenti tal-Gvern ma jistghux jimpjegaw nies minn barra imma ghandhom imorru ghand id-Direttur tax-Xoghol, Labour Office.

Xehed Joseph Abdilla Manager Human Resources mal-Air Supplies li semma li ilu tmien snin f'dik il-kariga minn Gunju 1993. Qal li hu xehed fuq il-kaz tar-rikorrent mill-files ghax ma jafx di xjenza propja ghax ma kienx hemmhekk. Semma li fis-7, 8 ta' Mejju 1987 kienu dahlu numru ta' nies mal-Air Supplies bhala Loaders, Cleaners u Labourers u qal li hafna minnhom spiccaw jahdmu fil-Country Hotel, mas-Civil Aviation u spiccaw ukoll mal-AWTS fl-1988. Qal li jaf bil-kumitat li kien sar bejn il-Gvern u l-union fl-1987

Semma li l-Gvern kellu xi 95% tal-ishma tal-Air Malta u l-Air Supplies kienet 100% owned mill-Air Malta. Qal il-procedura trid issir biex wiehed jidhol mal-Air Supplies fejn trid l-ewwel issir talba lill-ETC, wara jsiru l-interviews u meta ma jkunx hemm min joghgobhom jinfurmaw lill-ETC u jaghtuhom il-permess halli jmorru ghall-pubbliku pero` ma setax jghid jekk fl-1987 sarx dan jew le ghax ma kienx ghadu impjegat mal-Air Supplies. Qal li l-korrispondenza mal-ETC tal-1987 ma tezistix. Semma li fl-istess zmien li gew ingaggjati r-rikorrenti kien hemm nies li kienu jahdmu mal-Air Supplies bhala Loaders/Labourers u hu immagina li dawn kienu dahlu permezz tal-ETC u ghad hemm min ghadu jahdem ma' l-Air Supplies.

Semma li c-cekkijiet tal-paga tar-rikorrent bejn l-1987 u l-1992 kienu johorgu mill-Air Supplies pero` kienu jinvojsjaw lill-Country Hotel, lis-Civil Aviation u l-AWTS u kienu jircievu r-refunds ta' dak li kienu johorgu. Qal li mill-1987 'il quddiem kien hemm persuna wahda li giet impjegata direttament mal-Air Supplies bhala Loader/Cleaner u dan fl-1990 u in segwitu kien hemm tlieta li kienu gja jahdmu mal-Isterling li hija kumpanija ohra within the group u li kienu gja jaghmlu xi xoghol mal-Air Supplies u li gew trasferiti b'mod definit ghal mal-Air Supplies fl-1992. Qal li fiz-zmien meta dahlu r-rikorrenti l-Manager Human Resources kien George Holland. Eskluda li bhala

Loaders/Cleaners dahlu nisa impjegati u cahad li dahlu xi 40 Loader/Cleaner mal-Air Supplies minn dak iz-zmien 'l hawn. Qal li anqas biss qieghedin 40 illum.

Xehdet Rita Taylor East Manager Human Resources ma' l-Air Malta li semmiet li r-rikorrent u ohrajn bhalu gew imhaddmin mal-Air Supplies qabel id-9 ta' Mejju 1987 u qatt ma sar kuntratt mal-Air Malta. Qalet li f'Ottubru 1987 gew imdahhla fl-iskema tal-Awziljari u kienu irregolari ghax is-soltu meta jimpjegaw in-nies dawn jigu minghand l-ETC mentri dak iz-zmien kien il-Labour Office u dawn ma gewx impjegati b' dan il-mod. Wara kien sar ftehim bejn il-GWU u l-Gvern li dawn il-haddiema jistghu jidhlu mal-Gvern u sakemm isir dan jibqghu jahdmu fl-azjendi li jkunu. Qalet li dawk kienu jithallsu mill-Air Supplies u mbaghad l-AWTS kienet taghti l-flus lura lill-Air Supplies, jigifieri anqas dak iz-zmien ma tista' tqishom impjegati tal-Air Supplies.

Semmiet li wara dak iz-zmien ma dahlux Loaders/Cleaners permanenti minn dawk in-nies li kien hemm imsemmija. Qalet li Loaders/Cleaners temporanji dahlu fil-perjodi tas-sajf u dan isir billi jmorru l-ETC, jaghtuhom il-listi tan-nies, jaghmlulhom l-interview u jekk isibuhom tajbin ghal dak ix-xoghol jimpjegawhom. Qalet li fl-2000 u fl-2001 kellhom nies jahdmu maghhom fis-sajf u li zammewhom permanenti pero` mhux ghax ghamlu distinzjoni. Semmiet li r-rikorrent fl-1988 u l-1989 ma giex impjegat u dan xehditu mir-records ghax hi ilha biss sentejn f'dik il-kariga.

Xehed Dione Giorgio Direttur Rizorsi fil-Management and Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim Ministru li semma li fil-lista li rcieva biex jaghmel il-verifiki dwar haddiema regolari u irregolari qal li s-Sur Joseph Borg u s-Sur Joseph Bonnici sabhom taht il-lista fejn turi nies li kienu Awziljari u mhux regolari. Qal li l-haddiema l-ohrajn kollha kienu fuq il-lista tal-irregolari, dejjem kif definit fit-termini tal-kuntratt li kien intlahaq bejn il-Gvern u l-unions.

Gie esebit kopja tal-ftehim milhuq bejn il-Gvern u l-GWU fid-9 ta' Ottubru 1987 (fol 42 sa 44 tal-process)

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi fl-20 ta' Mejju 1999 ir-rikorrentipprezenta nota ta' cessjoni fil-konfront tal-Ministru tat-Turizmu.

Illi r-rikorrent jilmenta mill-fatt li dahal jahdem mal-Air Supplies bhala Loader u baqa' ma nghatax impjieg regolari u gie trasferit diversi sezzjonijiet. Irrizulta li r-rikorrent kien dahal jahdem mal-Air Supplies f' Mejju 1987 b' mod irregolari.

Gie esebit dokument li minnu jirrizulta li kien ftehim milhuq bejn il-Gvern u l-General Workers' Union fid-9 ta' Ottubru, 1987. Dan il-ftehim jitkellem dwar haddiema regolari u irregolari. Ghar-rigward ta' dawk il-haddiema li gew impjegati irregolarment dawn kellhom jigu stabbiliti kaz kaz min huma mal-Unions. Dawn il-haddiema kellhom:

- jitqiesu bhala "casuals" u jibqghu hekk kunsidrati sakemm jinghataw xoghol permanenti;
- sakemm jinghataw dan ix-xoghol ikunu flessibbli.
- ix-xoghol permanenti jinghata jew fis-settur li jaqa' taht il-kontroll tal-Gvern jew fis-settur privat, skond kif jaghzel l-individwu;
- il-haddiema jikkonkorru ma' min qieghed jirregistra.

Ikkunsidra li l-Artikolu 110 subartikolu (6) tal-Kostituzzjoni jghid li:

"Dhul f' impiegi ma' kull korp stabbilit bil-Kostituzzjoni jew b' xi ligi jew taht xi ligi ohra, u ma' kull socjeta` jew korp iehor li fih il-Gvern ta' Malta, jew xi korp kif intqal qabel, ikollhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw jew li fuqu jkollhom kontroll effettiv, ghandu, kemm-il darba dak id-dhul ma jkunx sar wara ezami pubbliku li jkun gie avzat kif imiss, isir permezz tas-servizz ghall-impjegar kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu."

Ghalhekk id-dhul fl-impieg tar-rikorrent sar bi ksur manifest tal-artiklu 110 subartiklu (6) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ukoll suppost li l-impieg sar wara proceduri mal-Labour Office u wara l-ETC izda minn dan kollu fil-kaz tar-

rikorrent ma sar xejn. Il-pozizzjoni tar-rikorrent xejn ma kienet sabiha u nies bhalu kienu f’ pozizzjoni kompletament fluwida.

It-Tribunal jixtieq jikkwota minn sentenza ohra moghtija minnu fit-22 ta’ Novembru 2001 fis-sentenza fl-ismijiet Francis Hili vs Chairman Bank of Valletta et fejn qal:

“Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva trattament differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – Ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta’ Mejju, 1999 fl-ismijiet Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru. Ara wkoll “Law of the European Convention on Human Rights” - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u “Law and Practice of the European Convention on Human Rights” - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136.”

Illi r-rikorrent fil-kors tal-kawza ilmenta wkoll li kien hemm nies li dahlu jahdmu mal-Air Malta waqt li hu ghalkemm imwieghed ma dahalx izda rrizulta li dak li kien qieghed jirreferi ghalih ir-rikorrent fil-fatt kien procedura li meta jizdied ix-xoghol fix-xhur tas-sajf l-Air Malta (u mhux l-Air Supplies ma’ liema socjeta` r-rikorrent kellu impjieg irregolari) kienet timpjega ghal zmien temporanju numru ta’ haddiema bl-intendiment li dawn il-haddiema ma jitilqux il-post regolari tax-xoghol taghhom izda johorgu bil-leave u matul dan il-leave jaghmlu ix-xoghol imsemmi. It-Tribunal jirrileva li l-ewwelnett l-impjieg tar-rikorrent kien mal-Air Supplies u mhux mal-Air Malta u mkien taht l-Artikolu 6 tal-Kap 394 it-Tribunal ma ghandu kompetenza biex jezamina ilmenti fuq allowances, overtime jew oggetti ohra ta’ natura li qieghed isemmi r-rikorrent. Ara f’ dan is-sens ukoll il-kawza deciza mit-Tribunal fl-14 ta’ Dicembru

1999 fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited.

Mix-xhieda tas-Segretarju Generali tal-General Workers' Union Tony Zarb jirrizulta li l- General Workers' Union kienet ghamlet l-ahjar taghha biex tissalvagwardja l-impieg tar-rikorrenti izda kienet rinfaccjata bil-problema tal-irregolarita` tal-impjieg tar-rikorrent u nies ohra bhalu. Dan gie konfermat anke minn Joseph Abdilla Manager Human Resources. Ukoll l-impieg tar-rikorrent kien mal-Air Supplies u mhux mal-Air Malta.

Illi ghalhekk il-pozizzjoni tar-rikorrent hija wahda ta' bniedem li dahal f' impjieg b' mod irregolari u li ghalhekk dan ma kellux l-istess drittijiet ta' haddiema regolari. Illi ghalhekk fil-kaz in ezami ma jirrizultax li fil-konfront tar-rikorrent dan garrab ingustizzja b' konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita bi hsara ghalih kif indikat fil-Kap 394 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Inoltre t-Tribunal b' riferenza ghall-eccezzjoni moghtija mill-Air Supplies and Catering Company Limited u cioe` li l-kjamata in kawza saret minhabba li giet notifikata wara t-terminu preskritt mill-ligi (Art. 9 tal-Kap. 394) jaghmel referenza ghall-kawza deciza minnu fl-1 ta' Novembru 2000 fl-ismijiet Victor Caruana vs Dipartiment tax-Xogholijiet et u ghall-istess ragunijiet hemmhekk indikati jqis li l-kjamata in kawza saret fuori termine u tillibera is-socjeta` kjamata in kawza mill-osservanza tal-gudizzju. Dan qieghed jinghad f' dan l-istadju minhabba li t-Tribunal hass id-dover li jaghti r-ragunijiet l-ohra fuq imsemmija bhal kif ghamel f' kawzi ohra simili ghar-rikors odjern li fihom pero` ma nghatatx din l-eccezzjoni.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------